TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Rikors Nru. CCT G 4/12 (JE).

Charlie Christ Abela

vs

John Xuereb.

Illum, 13 ta' Lulju 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Charlie Christ Abela tat-3 ta' Mejju 2012 fejn talab illi l-konvenut jiġi kkundannat jirrifondih l-ammont ta' ħamsa u tmenin euro (€ 85) prezz ta' tyre li nxtara mingħandu illi wara biss sitt sigħat sewqan ħarġet bużżieqa minn ġol-ġemb tiegħu. L-attur għamel bosta rappreżentazzjonijiet kemm mal-konvenut kif ukoll mal-aġent u anke mid-ditta estera imma ma ngħata l-ebda sodisfazzjon għax ġie allegat illi dak li ġara kien minħabba li daħal ġo xi ħofra. L-unika proposta li sarietlu kienet illi jieħu tyre ieħor skond b'kemm jiswa, jiġifieri € 55 kif ukoll l-prezz tal-kurrier, proposta li hu ma aċċettax.

Ra r-risposta tal-konvenut illi fiha stqarr illi huwa kien biegħ żewġ tyres lill-attur u wara xi żmien, mar għandu l-attur jallega illi kellu tyre difettuż imma illi l-konvenut kien qallu illi mill-marka sewda li kellu mar-rim, li l-attur stess ra u mill-balla, jidher ċar li dan kien minħabba xi ħabta. Fuq insistenza ta' l-attur, il-konvenut bagħat it-tyre għand l-aġent Malta a spejjeż tiegħu li wasal għall-istess konklużjoni wara li kkonsulta mal-manufatturier. Fuq insistenza tal-konvenut, l-aġent offra lill-attur tyre ġdid lill-attur bil-prezz ta' € 55 kif ukoll l-ispejjeż tat-trasport imma mid-dehra dina l-proposta ma aċċettahiex. Intant, il-konvenut offra lill-attur tyre second hand illi qed jaħdem bih u illi l-attur qatt ma rritornalu minkejja diversi wegħdiet.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi jidher ċar illi l-verżjoni mogħtija mill-konvenut hija aktar verosimili u dina hija msaħħa anke mir-rapport tal-manufatturier esibit bħala Dok. "JX". Illi l-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni għala tyre wieħed mit-tnejn li xtara kien difettuż u għala l-ieħor ma kellu l-ebda difett. Illi l-anqas m'huwa verosimili illi wieħed isuq sitt sigħat fit-toroq tagħna u bl-ebda mod ma jiltaqa' ma xi ħofra. Inoltre, l-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni għala żamm f'idejh it-tyre sostituttiv illi sellifu l-konvenut u ma raddux lura kif wiegħed illi ser jagħmel u l-anqas ma ntrabat illi jagħmel hekk fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri. Illi dan it-Tribunal ma jistax jagħti konfort lil min jieħu l-liġi f'idejh u kien jistenna illi l-attur fl-ewwel lok, jagħti assigurazzjoni fir-rigward tat-tyre illi tpoġġa għad-disposizzjoni tiegħu mill-konvenut.

Għaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra l-attur.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.